IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.5.2025
COM(2025) 504 final

ANNEXES 1 to 5

**ANNESSI**

**tal-**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 765/2008, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426, (UE) 2023/1230, (UE) 2023/1542 u (UE) 2024/1781 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi**

{SWD(2025) 130 final}

## ANNESS I

L-Annessi III sa IX tar-Regolament (UE) 2016/424 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness III hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3, il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;";

(b) fil-punt 4, il-punti 4.2 u 4.3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4.2. jivverifika li l-kampjun(i) ġew manifatturati f'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li ġew iddisinjati f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, kif ukoll l-elementi li ġew iddisinjati f'konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra;

4.3. iwettaq eżamijiet u testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika jekk, meta l-manifattur ikun għażel li japplika s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, dawn ikunux ġew applikati sew;";

(c) fil-punt 6, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"Iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, kull kundizzjoni għall-validità tiegħu, id-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat (subsistema jew komponent tas-sikurezza) u jekk rilevanti, deskrizzjonijiet tal-funzjonament tiegħu.";

(2) L-Anness IV hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;";

(b) fil-punt 3.3., l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"Dan għandu jippreżumi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-elementi tas-sistema tal-kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat jew l-ispeċifikazzjoni komuni rilevanti.";

(3) L-Anness V hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;";

(b) il-punt 4.1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"4.1. Is-subsistemi jew il-komponenti tas-sikurezza għandhom ilkoll jiġu eżaminati individwalment, u għandhom isirulhom it-testijiet xierqa stipulati fl-istandard(s) armonizzati, u/jew l-ispeċifikazzjoni(jiet) komuni rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, biex tiġi verifikata l-konformità mat-tip approvat deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti xierqa ta' dan ir-Regolament.

Jekk ma jkunx hemm dan l-istandard armonizzat jew din l-ispeċifikazzjoni komuni, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddeċiedi liema testijiet xierqa jridu jsiru.”;

(c) il-punt 5.2. hu sostitwit b’dan li ġej:

“5.2. Minn kull lott għandu jittieħed kampjun bix-xorti. Is-subsistemi jew il-komponenti tas-sikurezza fil-kampjun għandhom ilkoll jiġu eżaminati individwalment u għandhom isirulhom it-testijiet xierqa stipulati fl-istandard(s) armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjoni(jiet) komuni rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, biex tiġi verifikata l-konformità tagħhom mat-tip approvat deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti applikabbli ta’ dan ir-Regolament u biex jiġi ddeterminat jekk il-lott hux aċċettat jew rifjutat. Jekk ma jkunx hemm dan l-istandard armonizzat jew din l-ispeċifikazzjoni komuni, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddeċiedi liema testijiet xierqa jridu jsiru.”;

(4) L-Anness VI hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1., il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;”;

(b) fil-punt 3.2., il-paragrafu 1 hu sostitwit b’dan li ġej:

“Il-korp notifikat għandu jeżamina d-dokumentazzjoni teknika għas-subsistema jew għall-komponent tas-sikurezza u għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa stipulati fl-istandards armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, biex jivverifika l-konformità tas-subsistema jew il-komponent tas-sikurezza mar-rekwiżiti applikabbli ta’ dan ir-Regolament, jew inkella jqabbad lil min jagħmilhom. Jekk ma jkunx hemm dan l-istandard armonizzat jew din l-ispeċifikazzjoni komuni, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddeċiedi liema testijiet xierqa jridu jsiru.”;

(5) L-Anness VII hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1., il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;”;

(b) fil-punt 3.2., il-punt (b) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inkluż l-istandards, li se jiġu applikati u, meta l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti ma jkunux se jiġu applikati għalkollox, il-mezzi, inkluż speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, li jkunu se jintużaw biex ikun żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali ta’ dan ir-Regolament;”;

(c) fil-punt 3.3., l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b’dan li ġej:

“Dan għandu jippreżumi l-konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-elementi tas-sistema tal-kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat jew l-ispeċifikazzjoni komuni rilevanti.”;

(d) fil-punt 3.6.2, il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur;”;

(e) fil-punt 3.6.3, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b’dan li ġej:

“Dak iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet (jekk ikun hemm) għall-validità tiegħu, u d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-disinn approvat.”;

(6) Fl-Anness VIII, il-punt 2, il-punt (c) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(c) lista tal-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 17, applikati għalkollox jew parzjalment, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew pubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew lista tal-ispeċifikazzjonijiet komuni, applikati għalkollox jew parzjalment u, meta dawk l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni ma jkunux ġew applikati, deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali ta’ dan ir-Regolament, inkluż lista tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti l-oħra applikati. Jekk issir applikazzjoni parzjali ta’ standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet komuni, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika liema partijiet ikunu ġew applikati;”;

(7) L-Anness IX hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 hu sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu:”;

(b) il-punt 6 hu sostitwit b’dan li ġej:

“6. Ir-referenzi għall-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti użati, jew ir-referenzi għal speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, li fir-rigward tagħhom hi ddikjarata l-konformità:”.

## ANNESS II

L-Annessi II, III, V, VII, VIII, u IX tar-Regolament (KE) Nru 2016/425 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, il-punt 1.4 hu emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"Flimkien mal-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur, l-istruzzjonijiet li jridu jingħataw mal-PPE irid ikun fih l-informazzjoni rilevanti kollha dwar:";

(b) il-punti (k) u (l) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(k) referenzi għall-istandard(s) armonizzati jew l-ispeċifikazzjoni(jiet) komuni rilevanti użati, inkluż id-data tal-istandard(s) jew tal-ispeċifikazzjoni(jiet), jew referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

(l) l-indirizz tal-internet jew il-kodiċi li jinqara minn magna li bih jista' jinkiseb aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.";

(2) Fl-Anness III, il-punti (f) u (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(f) ir-referenzi tal-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 14 jew għall-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 14a li ġew applikati għad-disinn u l-manifattura tal-PPE. Jekk issir applikazzjoni parzjali ta' standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet komuni, id-dokumentazzjoni għandha tispeċifika liema partijiet ikunu ġew applikati;

(g) meta ma jkunux ġew applikati standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet komuni, jew ikunu ġew applikati biss parzjalment, id-deskrizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra applikati biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali applikabbli tas-saħħa u s-sikurezza;";

(3) L-Anness V hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;";

(b) fil-punt 4, il-punti (d) sa (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(d) jivverifika li l-kampjun(i) ġew manifatturati f'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li ġew iddisinjati f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, kif ukoll l-elementi li ġew iddisinjati f'konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra;

(e) iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika li, meta l-manifattur ikun għażel li japplika s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, dawn ġew applikati sew;

(f) iwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika li, meta ma jkunux ġew applikati s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur, inkluż dawk fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra applikati, jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tas-saħħa u s-sikurezza u li dawn ġew applikati sew.";

(c) il-punt 6.2. hu emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) hu sostitwit b'dan li ġej:

“(b) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha ir-rappreżentant awtorizzat, l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu;”;

(ii) il-punt (e) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(e) meta l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni jkunu ġew applikati għalkollox jew parzjalment, ir-referenzi ta’ dawk l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet jew għal partijiet minnhom;”;

(d) il-punt 7.6 hu emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu, u d-data li tidentifika ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE kkonċernat;”;

(ii) il-punt (b) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(b) konferma li ma kien hemm l-ebda modifika, la fit-tip approvat kif imsemmi fil-punt 7.2, inkluż fil-materjali, fis-subkomponenti jew fis-subkompożizzjonijiet, u lanqas fl-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra applikati;”;

(4) L-Anness VII hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3., il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha ir-rappreżentant awtorizzat, l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu;”;

(b) il-punt 4.3. hu sostitwit b’dan li ġej:

“4.3. Il-korp notifikat għandu jagħżel kampjun statistiku xieraq tal-PPE manifatturat, f’post miftiehem bejn il-korp u l-manifattur. Għandhom jiġu eżaminati l-elementi kollha tal-PPE tal-kampjun, u għandhom isirulhom it-testijiet xierqa stipulati fl-istandard(s) armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjoni(jiet) komuni rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra biex tiġi verifikata l-konformità tal-PPE mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli tas-saħħa u s-sikurezza.”;

(5) L-Anness VIII hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1., il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;”;

(b) fil-punt 3.3, it-tieni subparagrafu hu sostitwit b’dan li ġej:

“Dan għandu jippreżumi l-konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-elementi tas-sistema tal-kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat jew l-ispeċifikazzjoni komuni rilevanti.”;

(6) L-Anness IX hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 hu sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu:”;

(b) il-punt 6 hu sostitwit b’dan li ġej:

“6. Ir-referenzi għall-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti użati, inkluż id-data tal-istandard, jew ir-referenzi għal speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, inkluż id-data tal-ispeċifikazzjoni, li fir-rigward tagħhom hi ddikjarata l-konformità:”.

## ANNESS III

L-Annessi III u V tar-Regolament (UE) 2016/426 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness III hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.3.1. hu emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;";

(ii) fil-punt (c), il-punt (4) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(4) lista tal-istandards armonizzati applikati għalkollox jew parzjalment li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew lista ta' speċifikazzjonijiet komuni, applikati għalkollox jew parzjalment u, meta dawk l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni ma jkunux ġew applikati, deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament, inkluż lista tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti l-oħra applikati. Jekk issir applikazzjoni parzjali ta' standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet komuni, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika liema partijiet ikunu ġew applikati;";

(iii) fil-punt (e), it-tieni sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"(e) Din l-evidenza ta' appoġġ għandha ssemmi kull dokument użat, b'mod partikolari meta l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti ma jkunux ġew applikati għalkollox.";

(b) fil-punt 1.4, il-punti 1.4.3 sa 1.4.4. huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1.4.3. iwettaq eżamijiet u testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jiġi verifikat li, meta l-manifattur għażel li japplika s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, dawn ġew applikati sew;

1.4.4. iwettaq eżamijiet u testijiet xierqa, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jiġi verifikat li, meta ma jkunux ġew applikati s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur li japplika speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali korrispondenti ta' dan ir-Regolament;";

(c) fil-punt 1.6., l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"Iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kundizzjonijiet (jekk jeżistu) għall-validità tiegħu, id-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat, bħat-tip ta' gass, il-kategorija tat-tagħmir u l-pressjoni tal-provvista tal-gass u, jekk rilevanti, deskrizzjonijiet tal-funzjonament tiegħu.";

(d) Fil-punt 2.3, fl-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hi sostitwita b'dan li ġej:

"Għandu jiġi eżaminat kampjun adegwat tat-tagħmir jew tal-fittings finali meħud fis-sit mill-korp notifikat qabel ma jitqiegħdu fis-suq, u għandhom isirulhom it-testijiet xierqa kif identifikat mill-partijiet rilevanti tal-istandards armonizzati u/jew tal-ispeċifikazzjonijiet komuni, u/jew testijiet ekwivalenti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, biex tiġi verifikata l-konformità tat-tagħmir jew tal-fitting mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament.";

(e) fil-punt 3.3.1., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;”;

(f) fil-punt 3.3.3., it-tieni subparagrafu hu sostitwit b’dan li ġej:

“Dan għandu jippreżumi l-konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-elementi tas-sistema tal-kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat jew l-ispeċifikazzjoni komuni rilevanti.”;

(g) fil-punt 4.3.1., il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll;”;

(h) fil-punt 4.3.3., it-tieni subparagrafu hu sostitwit b’dan li ġej:

“Dan għandu jippreżumi l-konformità ma’ dawk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-elementi tas-sistema tal-kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat jew l-ispeċifikazzjoni komuni rilevanti.”;

(i) il-punt 5.4.1. hu sostitwit b’dan li ġej:

“5.4.1. It-tagħmir jew il-fittings għandhom ilkoll jiġu eżaminati individwalment u għandhom isirulhom it-testijiet xierqa stipulati fl-istandard(s) armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti rilevanti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra rilevanti, biex tiġi verifikata l-konformità mat-tip approvat deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti xierqa ta’ dan ir-Regolament.

Jekk ma jkunx hemm dan l-istandard armonizzat jew din l-ispeċifikazzjoni komuni, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddeċiedi liema testijiet xierqa jridu jsiru.”;

(j) il-punt 5.5.2. hu sostitwit b’dan li ġej:

“5.5.2. Għandu jittieħed kampjun bix-xorti minn kull lott f’konformità mar-rekwiżiti tal-punt 5.5.3. It-tagħmir jew il-fittings fil-kampjun għandhom ilkoll jiġu eżaminati individwalment u għandhom isirulhom it-testijiet xierqa stipulati fl-istandard(s) armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjoni(jiet) komuni rilevanti, u/jew testijiet ekwivalenti stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, biex tkun żgurata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti applikabbli ta’ dan ir-Regolament u biex jiġi ddeterminat jekk il-lott hux aċċettat jew rifjutat. Jekk ma jkunx hemm dan l-istandard armonizzat jew din l-ispeċifikazzjoni komuni, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddeċiedi liema testijiet xierqa jridu jsiru.”;

(k) fil-punt 6.2.1., il-punt (d) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(d) lista tal-istandards armonizzati applikati għalkollox jew parzjalment li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew lista ta’ speċifikazzjonijiet komuni, applikati għalkollox jew parzjalment u, meta, dawk l-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni ma jkunux ġew applikati, deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta’ dan ir-Regolament, inkluż lista tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti l-oħra applikati. Jekk issir applikazzjoni parzjali ta’ standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet komuni, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika liema partijiet ikunu ġew applikati.”;

(l) fil-paragrafu 6.4., l-ewwel subparagrafu hu sostitwit b’dan li ġej:

“Korp notifikat magħżul mill-manifattur għandu jagħmel eżamijiet u testijiet xierqa stipulati fl-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti u/jew testijiet ekwivalenti

stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, biex jivverifika l-konformità tat-tagħmir jew tal-fittings mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, jew iqabbad lil min jagħmilhom. Jekk ma jkunx hemm dan l-istandard armonizzat jew din l-ispeċifikazzjoni komuni, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddeċiedi liema testijiet xierqa jridu jsiru.";

(2) L-Anness V hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu:";

(b) il-paragrafu 6 hu sostitwit b'dan li ġej:

"6. Ir-referenzi għall-istandards armonizzati jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni rilevanti użati, jew ir-referenzi għal speċifikazzjonijiet tekniċi oħra, li fir-rigward tagħhom hi ddikjarata l-konformità".

## ANNESS IV

L-Annessi III, V, VII, IX, u X tar-Regolament (UE) 2023/1230 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness III hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1.7.4.2., il-punt 1 hu emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem kummerċjali, l-indirizz postali sħiħ u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;";

(ii) il-punt (c) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jew l-indirizz tal-internet jew il-kodiċi li jinqara minn magna, li bih ikun jista' jinkiseb aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 10(8);";

(b) il-punt 4.3.1. hu emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:

"Kull tul ta' katina, ħabel jew ċinturin għall-irfigħ li ma jagħmilx parti minn assemblaġġ għandu jkollu marka fuqu, u meta dan ma jkunx possibbli, għandu jkun hemm tabella jew ħolqa li ma tistax titneħħa, bl-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u r-referenza li tidentifika ċ-ċertifikat rilevanti.";

(ii) il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur;";

(2) L-Anness V hu emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-punt 2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.";

(b) fil-Parti B, il-punt 2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.";

(3) L-Anness VII hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha rappreżentant awtorizzat, l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali ta' dak ir-rappreżentant awtorizzat;";

(b) fil-punt 6.2., il-punt (b) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha rappreżentant awtorizzat, l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali ta' dak ir-rappreżentant awtorizzat;";

(c) fil-punt 7.6., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu, u d-data li tidentifika ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE kkonċernat;";

(4) Fl-Anness IX, fil-punt 3.1., il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha rappreżentant awtorizzat, l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali ta’ dak ir-rappreżentant awtorizzat;”;

(5) L-Anness X hu emendat kif ġej:

(a) fil-punt 2., il-punt (a) hu sostitwit b’dan li ġej:

“(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha rappreżentant awtorizzat, l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali ta’ dak ir-rappreżentant awtorizzat;”.

## ANNESS V

L-Annessi VIII, IX u XIII tar-Regolament (UE) 2023/1542 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness VIII, il-Modulu D1: Assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess ta' produzzjoni, fil-punt 5.1, il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni jippreżentaha r-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, ismu, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tiegħu wkoll,";

(2) Fl-Anness IX, il-punt 2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"L-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur u, meta applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu:";

(3) Fl-Anness XIII, il-punt 1, jiżdied il-punt (t) li ġej:

"(t) "struzzjonijiet tal-użu ċari, komprensibbli u leġibbli, b'format xieraq għall-istampar, id-download jew il-ħżin fuq apparat elettroniku biex l-utent ikun jista' jaċċessahom meta jixtieq, b'mod partikolari waqt żarmar tal-batterija (għas-sistemi stazzjonarji tal-ħżin tal-enerġija b'batterija biss).".